MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 66/2008

**Go p.l.c (C22334)**

**-vs-**

**Alberto Caruana I.D. 446174(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elfejn u tnejn u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmu (€2,022.62) - (Lm868.31) liema ammont huwa dovut lis-socjetà attrici in konnessjoni mas-servizz ta' telekomunikazzjoni li jgib in-numru S/C 003604 (CN 1012853, AC 10001659) skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond id-dokumenti hawn annessi Dok IZY 1 u IZY 2. Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t'elfejn u tnejn u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmu (€2,022.62) - (Lm868.31), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------